Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 07/13 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 |
| Data | 13/06/2013 fis-6.10pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti fis-6.20pm |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti fis-6.15pm |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti |
| | Joseph Hales | Assenti bi protesta |
| Preżenti wkoll | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**07. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Abela | **Il-minuti 06/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| 07. 1. 1 i | 06.1.1 | Minflok l-aħħar 'Trejqet Litfija', tidħol 'Mogħdija Ħannewija'. | | |
| | 06.2.2 u | Ġie innutat li Camilleri mhux responsabbli mit-tabelli tat-traffiku. | | |
| | 06.2.3 | Għaldaqstant il-kunjom ġie mibdul għal Hales. | | |
| | 06.2.7, 06.2.15 u | Ġie innutat li l-kunsilliera Agius hija inkarigata mill-Pulizija u Oqsma tad-Djar. | | |
| | 06.2.19 ii | Minflok Ms Pace jidħlu l-kliem Mr Pace u minflok Mr Xuereb jidħlu l-kliem Ms Xuereb. | | |
| | 06.2.19 ii | Minflok il-kelma 'inbeda', tidħol il-kelma 'propost'. | | |
| | 06.2.20 | Ġie innutat li n-notte bianca ser issir fil-5 ta' Ottubru (l-ewwel sibt) u mhux fil-25 ta' Ottubru. | | |
| | 06.2.21 | Iż-żjara lill-anzjani saret fit-12 ta' Mejju u mhux fil-11 ta' Mejju. | | |
| 07. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | 06.2.3 | Camilleri: Tabelli fi Triq Nikol Attard | Camilleri ġibed l-attenzjoni li t-tabelli maqlugħa minn Triq Nikol Attard ma twaħħlux. Is-Sindku spjega li dawn ser jitwaħħlu meta l-ħaddiema ta' barra jerġgħu ikun full staff. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Pulizija dwar min qed jabbuża.** | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 2 | 06.2.7 | Agius: Karozzi Abbandunati | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat li uħud mill-karozzi abbandunati tneħħew. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa mhux ser jagħti struzzjonijiet lil Clean Away Service biex ineħħi xi vettura qabel ma jkun hemm agreement formali. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa ma' Richard Darmanin bħala direttur tal-Clean Away Service Ltd.** | Agius |
| 07. 2. 3 | 06.2.11 | Sindku: Għeluq ta' Triq San Pawl waqt il-ħin tal-ħruġ ta' l-iskola | Is-Segretarjat kiteb lill-ADT dwar l-għeluq ta' Triq San Pawl waqt il-ħin tal-ħruġ ta' l-iskola iżda l-ADT qed tisħaq li issir konsultazzjoni mar-residenti. Id-direttriċi ta' l-iskola ser iġġib petizzjoni li din ser tgħaddi lill-ADT. | Sindku |
| 07. 2. 4 | 06.2.16 | Viċi-Sindku: Karozzi għall-bejgħ fi Triq Falkunier/Triq Fieres | Il-Viċi-Sindku kellha rapporti li dawn il-karozzi bdew jitneħħew. | Agius |
| 07. 2. 5 | 06.2.19 | Viċi-Sindku: Proġett e-anzjan | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Pace u Ms Xuereb dwar il-proġett e-anzjan u fid-Day Centre ġew installati zewġ kompjuters u l-anjzani diġa' bdew bit-taħriġ. Il-launching tal-proġett ser issir nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju fl-10.00am. Il-Kunsill mhu ser iġorr l-ebda spiża. | Viċi-Sindku |
| 07. 2. 6 | 06.5.1 | Abela: Xogħlijiet f'Misraħ Strejnu | Il-Kunsilliera Abela staqsiet dwar il-progress ta' Misraħ Strejnu. Is-Sindku spjega li l-Bord ta' l-Enemalta għad irid japprova li jitpoġġa l-cable biex b'hekk jitkomplew ix-xogħlijiet. | Sindku |
| 07. 2. 7 | 06.8.1 | Camilleri: Zebra crossing fi Triq San Girgor | Camilleri ippropona biex iz-zebra crossing proposta fi Triq San Girgor issir viċin id-Domus bejn Triq Connaught u Triq San Piju X. | Sindku<br>Segretarjat |
| 07. 2. 8 | 06.8.2 | Chircop: Paġna Facebook | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-paġna tal-Kunsill fuq facebook infetħet. Mill-kummenti li daħlu s'issa ma kien hemm l-ebda kritika. Xorta waħda l-paġna m'għandiex tkun openbook bla kontroll. | Chircop |
| 07. 2. 9 | 06.9.2 | Fenech: No parking lines fi Triq Xandru Pulis | Fenech staqsiet meta ser isiru in-no parking lines fi Triq Xandru Pulis. Is-Sindku spjega li din daħlet fil-lista tax-xogħlijiet. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 10 | 06.9.6 | Fenech: Attivita' High Ropes | Il-Kunsilliera Fenech irrapurtat lill-Kunsill dwar l-attivita' high ropes fejn sar ukoll użu ukoll ta' l-out door gym. Hija saqsiet dwar il-progress tal-jogging track u l-outdoor gym fi Ġnien San Girgor. Is-Sindku spjega li l-Mepa approvat il-proġett bil-flus ta' l-Urban Improvement Fund. It-tender ġiet awarded lil Road Mantenance Services, liema kuntrattur qatt ma resaq lejn il-Kunsill. Il-flus qed jinżammu sabiex issir ic-children play area tac-Child Day Care Centre. Is-Sindku talab sabiex jiġu avviċinati l-MFA sabiex isir il-bdil tan-netting tal-ground. | Sindku Fenech |
| 07. 2. 11 | 06.9.7 | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-aerobics | Fenech infurmat lill-Kunsill li hemm il-ħsieb li jsiru outdoor fitness sessions fi Ġnien San Girgor fil-għaxija. | Fenech |
| . 2. 12 | 06.9.8 | Fenech: Żjara minn coach Olandiż | Il-Kunsilliera Fenech irrapurtat iż-żjara li saret mill-coach Olandiż fis-16 ta' Mejju liema coach kien entużjast ħafna. | Fenech |
| 07. 2. 13 | 06.9.9 | Caruana: Dar imwaqqa fi Triq il-Qadi | Il-Kunsillier Caruana irraporta lill-Kunsill li kellem lil sid il-plot ta' Triq il-Bies dwar il-periklu eżistenti fuq dan is-sit u dan infurmah li dan is-sit dalwaqt jinbena filwaqt li dwar id-dar imwaqqa fi Triq il-Qadi **il-Kunsill qabel li għandu jirraporta lill-MEPA** biex jagħmel bankina. Il-Kunsillier Chircop irraporta li l-istess problema teżisti fi Triq Mikiel Cachia peress li hemm bankina sular 'l isfel f'zewġ siti differenti. Il-Kunsillier Camilleri irraporta hoarding f'nofs il-bankina fi Triq Bugħarbiel quddiem Sunny Ironmongery. **Dwar dawn il-plots il-Kunsill qabel li jikteb lill-MEPA**. | Abela |
| 07. 2. 14 | 06.9.14 | Caruana: Un/loading fi Triq Sir Paul Boffa | Il-Kunsill ġie infurmat li dwar il-każ ta' un/loading fi Triq Sir Paul Boffa inkitbet ittra u intalbet site inspectioin mat-TM. Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni li id-deliveries isiru f'kull ħin tal-ġurnata. | Sindku |
| 07. 2. 15 | 06.9.16 | Agius: Ringrazzjament | Il-Kunsilliera Agius irringrazzjat lill-kunsillier Caruana talli qed izomm in-noticeboards tal-Kunsill up to date u kif ukoll qed itella u jnizzel il-bandiera tal-mafkar tal-Kunsill f'Misraħ Carlo Diacono. Il-Kunsill Caruana talab sabiex tiżdied noticeboard board fl-inħawi tal-Knisja ta' San Girgor. Is-Sindku spjega li kien hemm noticeboard fuq wara tal-knisja iżda din inqalgħet u bħalissa tinsab fis-sala ta' Ġnien San Girgor. | Caruana |
| 07. 2. 16 | 06.9.31 | Caruana: Letterheads tal-Kunsill | Il-Kunsillier Caruana irringrazzja lis-Segretarjat peress li l-letterheads inbidlu. Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isiru l-business cards ġodda. | Segretarjat |
| 07. 2. 17 | 06.9.35 | Camilleri: Mera fi Triq il-Qadi | Camilleri informa lill-Kunsill li t-tindif u t-tidwir tal-mera fi Triq il-Qadi sar. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 18 | 06.9.37 | Sindku: Child Day Care Centre | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Bid Bond ta' l-offerta tac-Child Day Care Centre ġiet irtirata. Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li s-Sinjura Janice Abela Crompton tinsab Malta u ser iżżurna fil-jiem li ġejjin. | Sindku Agius |
| 07. 2. 19 | 06.9.39 | Agius: Boroż ħodor | Il-Kunsillier Agius irrapurtat il-ġbir tal-ħġieġ li kellu jsir bieb bieb fis-7 ta' Ġunju. Minn rapporti li daħlu kien hemm areas fejn il-ġbir ma sarx. Għaldaqstant hija ssuġġeriet li nitkellmu mal-kuntrattur u jsir rapport formali lill-Greenpak. Il-Kunsilliera Agius daħlulha rapporti dwar skart reċiklat li ġie imħallat ma' skart organiku f'Ġebel San Martin. **Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat rapport bil-miktub lill-Greenpak u ninfurmaw lill-kuntrattur.** | Agius |

**07. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 1 | 06 | DLG: Kuntratti Memo 10/2013 | **Il-Kunsill qabel li issir estensjoni tal-kuntratt antik li l-Kunsill għandu permezz tal-Kumitat Konġunt Grupp B ma' Nexos Street Lighting.** Dan peress li m'hemm l-ebda direttiva ċara dwar dan. | Sindku |
| 07. 3. 2 | 13, 14 u 15 | Mark Spiteri: Dispożizzjoni minn propjeta' tal-Kunsill. | **Il-Kunsill qabel li jiddisponi minn printer, money detector u 3 PCs qodma li huma propjeta tal-Kunsill peress li dawn huma difettuzi.** | Segretarjat |
| 07. 3. 3 | 16 | A. Zahra: Attivita Dar Nazzaret | Il-Kunsill approva talba tas-Sur A. Zahra li jsir użu minn Ġnien San Girgor għall-attivitajiet li ser isiru mill-Fondazzjoni Nazzaret bejn id-19 u l-20 ta' Lulju. Għandha issir ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Chircop minħabba l-attivita GħembaFest. Għandhom jiġu avviċinati l-Pulizija peress li ser jiġu armati xi stalls fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' San Girgor u ser tintuża t-train ta' Ċanċu Supreme. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Chircop, Fenech esprimew ix-xewqa li jgħinu lil din il-Fondazzjoni. Din hija attivita li ser issir flimkien mal-Kunsill u għalhekk il-Kunsilliera kollha fid-dover li jgħinu. | |
| 07. 3. 4 | 18 | FES: Rakkuntar ta' Stejjer fi Ġnien Luqa Briffa | **Il-Kunsill approva li l-FES tagħmel użu ta' Ġnien Luqa Briffa sabiex isir rakkuntar ta' stejjer għat-tfal fl-4,11, 18 u 25 ta' Lulju.** | Camilleri |
| 07. 3. 5 | 20 | Wirt iż-Żejtun: Zvilupp f'Ħajt il-Wied | Il-Viċi-Sindku esprimiet il-kunflitt ta' interess peress li jista' jagħti każ li qraba tagħha għandhom għalqa minn fejn ser tgħaddi t-triq proposta. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Is-Sindku ċċara l-fatt li mak inex kompitu tal-Kunsill minn fejn ser tgħaddi t-triq u spjega l-commitment u l-policy tal-Kunsill sabiex it-traffiku jidħol mill-village core iżda joħroġ mill-periferija. Minn fejn ser tgħaddi t-triq kienet deċiżjoni tal-MEPA skond l-aħħar South Local Plan. L-istess awtorita' diġa' għamlet l-istudju tagħha fejn irriżulta li r-ring road hija bżonnjuża minħabba s-saħħa tan-nies u l-impatt negattiv u ħsara għas-saħħa fil-qalba taż-Żejtun. Is-Sindku spjega li l-Kunsill huwa kommess li ssir ring road bl-inqas impatt ambjentali u skond il-pjanti tal-MEPA. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill ivvota kif ġej: Astensjonijiet: Viċi-Sindku D. Abela, A. Abela u Caruana, Favur: Sindku, Agius, Camilleri, Chircop u Fenech. Il-Kunsilliera Fenech issuġeriet li issir laqgħa mal-Perit Ruben Abela u f'każ li hemm alternattiva, il-Kunsill huwa lest li jismagħha. | |
| 07. 3. 6 | 21 | Wirt iż-Żejtun: Attivita fi Ġnien Luqa Briffa | Il-Kunsill qabel li l-Fondazzjoni Wirt iz-Zejtun tagħmel użu minn Ġnien Luqa Briffa sabiex itella attivita' nhar it-12 ta' Lulju. Dwar il-proposta sabiex Ġnien Luqa Briffa jinbidillu ismu, il-Kunsill innota li huwa kien diġa' ipprova jagħmel dan it-tentattiv iżda ma rnexxilux. Barra minn hekk dan l-isem hu marbut ma' tradizzjoni li tmur lura mijiet ta' snin. | |
| 07. 3. 7 | 24 | Fr V. Magri: Attivita' fi Ġnien San Girgor | **Il-Kunsill qabel li Fr V. Magri itella' attivita' ġewwa Ġnien San Girgor nhar il-31 ta' Awwissu.** | |

**07. 4.** **Ħlasijiet**

| erenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 06/13 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 07. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 06/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 07. 4. 4 | | Petty Cash Mejju 2013 | **Il-Kusnill approva l-petty cash li ntefaq tul ix-xahar ta' Mejju hekk kif prezentat. Dan kien jammonta għal €228.71** | |

**07. 5.** **Updates tax-Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5. 1 | | Sindku: Rapport fuq Xogħol fuq il-madum tal-bini tal-Kunsill | Is-Sindku spjega li bħalissa qed isir xogħol ta' għorik tal-madum. **Il-Kunsill qabel li jġib kwotazzjoni għal mejda u siġġijiet godda għas-sala tal-Kunsill.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **07. 6.** | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 6. 1 | | Proponent: Sindku<br>Sekondant: Fenech | Il-Kunsillier Chircop irtira minn mal-mejda peress li s-Sur Glenn Chircop huwa ħuh. | |
| | | | **Il-Kunsill qabel li jagħti is-somma ta' €500 għal kreazzjoni tal-website ġdida tal-Kunsill u €500 għal maintenance ta' l-istess website lis-Sur Glenn Chircop bi prova għal sena li tista' tiġġedded.** | Chircop |
| 07. 6. 2 | | Mozzjoni mill-Kunsillier Chircop | Dwar il-mozzjoni tal-Kunsillier Chircop sabiex mhar id-19 ta' Marzu jibda jitfakkar Jum il-Kunsill u fis-6 ta' Lulju jiġi ċelebrat Jum iż-Żwieten, **il-Kunsill qabel li din il-mozzjoni għandha titħalla għal darb'oħra.** | Chircop |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **07. 7.** | | **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 7. 1 | | Caruana: 45, Triq Nikol Attard | Il-Kunsillier Caruana ressaq quddiem il-Kunsill każ ta' residenza li għandha l-ilma tat-triq li qed jiskula fil-bir. Għaldaqstant saret proposta biex togħla l-bankina. | Sindku |
| 07. 7. 2 | | Sindku: Vandaliżmu fi Ġnien iż-Żgħożija | **Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-ispettur il-ġdid dwar il-vandalizmu li qed iseħħ f'Ġebel San Martin.** | Agius |
| 07. 7. 3 | | Agius: Book Box fi Ġnien San Girgor | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex issir book box fi Ġnien San Girgor. | |
| 07. 7. 4 | | Viċi-Sindku: Railing fi Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir railing fi Triq il-Labour quddiem Christine Hairdressing. | Sindku |
| 07. 7. 5 | | Viċi-Sindku: Bus Stop - Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir bus stop quddiem id-Dar ta' l-Anzjani. Is-Sindku spjega li din il-proposta ilha tiġi kunsidrata iżda irridu nikkonsultaw ma' l-Arriva jekk dan hux possibli. | |
| 07. 7. 6 | | Viċi-Sindku: Bring in sites | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex id-Dar ta' l-Anzjani tingħata waħda mill-bring in site li iċċaqalqu minn Ġnien iċ-Ċrieki. Agius saqsiet dwar il-bins li tneħħew miċ-Ċimiterju. | |
| 07. 7. 7 | | Viċi-Sindku: Żjara lill-Anzjani | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ż-żjara lill-anzjani f'St. Vincenz ġiet posposta mit-12 ta' Ġunju peress li l-lista ta' l-anzjani ma ngħatatx fil-ħin. | Viċi-Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 7. 8 | Viċi-Sindku: Tablet mogħti minn TCTC | **Il-Kunsill qabel li t-tablet li ngħata minn TCTC jingħata lill-Fondazzjoni Nazzaret u għalhekk ser jiġi prezentat waqt l-attivitajiet li ser isiru bejn id-19 u l-20 ta' Lulju.** | |
| 07. 7. 9 | Agius: Attivita' Jum il-Missier | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat l-attivita' Jum il-Missier, liema attivita kienet tajba ħafna. | Agius |
| 07. 7. 10 | Agius: Reserved Parkings | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal reserved parking li m'għadx hemm l-użu tiegħu quddiem dar 'Mater Dei' fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. Il-Viċi-Sindku semmiet ukoll reserved parking fejn Ta' Cassia fi Triq Ħerba. | Viċi-Sindku |
| 07. 7. 11 | Agius: Tfal Jadottaw Anzjan | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat l-launching tal-proġett Tfal Jadottaw Anzjan li sar nhar l-10 ta' Ġunju. It-tfal tal-primarja ħadu sehem b'diska li ser tintuża ukoll mill-Onor Maria Louise Coleiro Preca. Fit-18 ta' Ġunju ser issir laqgħa għat-tfal li ser jieħdu sehem f'din il-kampanja. | Agius |
| 07. 7. 12 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill b'dawn l-attivitajiet li ser isiru:- 13.07.13 Country Night BBQ fi Ġnien San Girgor, 22.06.2013 Ħarġa agri-turizmu għal Sqallija u fil-5 ta' Awwissu ser isir il-launching ta' proġett ta' Profs Borg u Maria Brown . | Agius |
| 07. 7. 13 | Agius: Xogħlijiet fil-flats Ta' Ganza | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kuntrattur li ħadem fl-oqsma tad-djar Ta' Ganza li għadu ma tħallasx mill-Oqsma tad-Djar. | Agius |
| 07. 7. 14 | Agius: Post perikoluż fi Triq San Alfonsu | Agius reġgħet ġibdet l-attenzjoni dwar post fil-periklu li jaqa' fi Triq il-Madonna tal-Ħniena k/m Triq San Alfonsu. **Il-Kunsill qabel li jieħu r-rirtratti ta' dan il-post u jibgħat ittra lill-Pulizija.** | Agius |
| 7. 15 | Agius: Gradi fil-bandli ta' Triq il-Labour u Ġnien iz-Zgħozija | Agius reġgħet talbet sabiex isiru l-gradi tal-bandli li hemm fi Triq il-Labour u Ġnien iż-Żgħożija. Dan peress li ż-żewġ bandli jinsabu mat-triq li huma traffikużi. | Sindku |
| 07. 7. 16 | Camilleri: Korsijiet | Camilleri informa lill-Kunsill li għal korsijiet tal-kompjuter applikaw madwar 150 ruħ filwaqt li fil-korsijiet edukattivi l-konkorrenza għadha xi ftit lura. Il-laqgħa ta' TCTC ser issir fit-Teatru miftuħ fi Ġnien San Girgor, minħabba l-konkorrenza li kien hemm għal dan il-kors, fil-25 ta' Ġunju fis-6.30pm. | Camilleri |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 7. 17 | Camilleri: Sinjali tat-traffiku | Camilleri reġa' talab sabiex tinżebaħ l-istop sign fi Triq Ħubbejza k/m Triq Marrubja u sabiex jitneħħa l-bus stop miżbugħ ma' l-art fi Vjal 25 ta' Novembru kważzi k/m Misraħ Carlo Diacono. Is-Sindku spjega li kien hemm qbil sabiex il-bus stop ta' quddiem La Fayette jitla 'l fuq madwar għoxrin metru fi Vjal 25 ta' Novembru u jerġa' jsir il-bus stop li tneħħa minn ħdejn Pomroy f'Misraħ Carlo Diacono. | Sindku |
| 07. 7. 18 | Camilleri: Ġbir ta' skart | Il-Kunsillier Camilleri ressaq ilmenti ta' residenti fi Triq Felicia Abela dwar il-ġbir ta' skart li inbidel il-ħin, liema ħin qed ikun ta' inkonvejent għar-residenti. Il-Kunsilliera Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-problema tal-ħwienet li jiftħu fid-9am fi Triq l-Isqof Emm. Galea. Is-Sindku spjega li t-tfigħ ta' skart jista' jsir fil-bins on wheels li hemm fl-oqsma tad-djar. | Hales |
| 07. 7. 19 | Camilleri: Bankina f'Ġebel San Martin | Camilleri talab sabiex issir on site inspection ta' bankina f'Ġebel San Martin. | Sindku |
| 07. 7. 20 | Camilleri: Kompjuter - Librerija Pubblika | Camilleri talab sabiex il-kompjuter tal-librerija jitqabbad mas-sistema ta' l-internet sabiex isir użu minnu waqt is-sezzjonijiet ta' l-istory telling. **Il-Kunsill approva.** | Segretarjat |
| 07. 7. 21 | Caruana: Sleeping policeman fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar sleeeping policemen għolja fi Triq Madonna tal-Ħniena k/m Triq San Alfonsu. Is-Sindku spjega li din l-isleeping policeman hija tal-lakstu u skond l-istandards. | Sindku |
| 07. 7. 22 | Caruana: Give way fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Caruana talab sabiex isir refreshing tal-give way sign fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn tidjiq it-triq filwaqt li l-kunsillier Chircop talab sabiex issir crash barrier jew bollard. ~~fl-istess parti tat-triq~~. **Il-Kunsill qabel sabiex issir applikazzjoni sabiex titwessa din il-parti tat-triq. ('l isfel minn Strawberry Hills)** | Sindku |
| 07. 7. 23 | Caruana: Mera tat-traffiku fi Triq Bugħarbiel | Caruana talab lill-Kunsill jikkunsidra sabiex issir mera fid-daħla tal-garaxxijiet fi Triq Bugħarbiel. | Sindku |
| 07. 7. 24 | Caruana: Latrina Pubblika f'Misraħ ir-Repubblika | Caruana talab lill-Kunsill sabiex il-maintenance tal-latrina pubblika f'Misraħ ir-Repubblika jkun aħjar. | |
| 07. 7. 25 | Caruana: Pedestrianisation ta' Triq Gwiedi u Triq il-Faqqus | Caruana talab lill-Kunsill jikkunsidra li Triq il-Gwiedi u Triq il-Faqqus jiġu pedestrianised. Is-Sindku spjega li l-Kunsill minn dejjem kellu x-xewqa sabiex toroq bħal Triq Gwiedi, Triq San Frangisk u Triq il-Kunċizzjoni jiġu pedestrianised. Dwar Triq il-Faqqus, din ingħatat lil TM sabiex issir | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 7. 26 | Chircop: Sinjali tat-traffiku | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isiru sinjali tat-traffiku fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. ~~k/m Triq Santu Wistin~~. | Sindku |
| 07. 7. 27 | Chircop: Mhux one way għar-residenti ta' Triq Xeħt il-Forom | Chircop talab lill-Kunsill jikkunsidra li l-parti Triq Xeħt il-Forom fejn hemm 2 residenzi biss ma tkunx one way għar-residenti ta' din it-triq minħabba l-garaxxijiet fi Trejqet Widnet il-Baħar. | Sindku |
| 07. 7. 28 | Chircop: Laqgħa MCast | Chircop informa lill-Kunsill li nhar it-2 ta' Lulju ser issir il-laqgħa dwar il-korsijiet ta' l-MCast fil-Kunsill Lokali. | Chircop |
| 07. 7. 29 | Chircop: No parking lines fi Triq id-Duluri | Chircop semma l-problema eżisteni bejn l-10.00pm u l-11.00pm minħabba l-Maltapost ta' Triq id-Duluri. Dan minħabba l-ħatt tax-xogħol ta' l-istess kumpanija. Ir-residenti ta' dawn it-toroq qed isibuha ta' inkonvenjent u jkollhom joqogħodu jistennew lill-ħaddiema iħottu x-xogħol. **Il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa mal-Maltapost.** | Sindku |
| 07. 7. 30 | Chircop: Plakka fi Triq id-Duluri | Chircop ġibed l-attenzjoni dwar l-isem ta' Triq il-Palazzi peress li l-plakka hija mkissra jew nieqsa. | Hales |
| 07. 7. 31 | Chircop: Pannelli ta' informazzjoni fi Ġnien Luqa Briffa | **Il-Kunsill qabel li jsiru pannelli ta' informazzjoni fi Ġnien Luqa Briffa.** | |
| 07. 7. 32 | Chircop: Grupp Zoey | Chircop informa lill-Kunsill li bħalissa qed jiltaqa' l-grupp Zoey li huwa miftuħ għal studenti minn 13-il sena 'l fuq. | Chircop |
| 07. 7. 33 | Abela: Bankijiet quddiem l-oratorju | Abela talbet sabiex jinbidlu l-bankijiet ta' quddiem l-Oratorju. Is-Sindku spjega li dawn qegħdin imiżżlin fi proġett ta' tisbiħ ta' l-area imsemmija. | Sindku |
| 07. 7. 34 | Abela: Bankina fi Triq Ħal Bisbut | Il-Kunsilliera Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kurduna tal-bankina li qed titmermer fi Triq Ħal Bisbut. Is-Sindku talab sabiex din titniżżel fil-lista tax-xogħlijiet. | Sindku |
| 07. 7. 35 | Abela: Ambulanza - Tiġrijiet taz-Zwiemel | Il-Kunsilliera Abela ressqet quddiem il-kunsill it-talba tal-grupp taż-żwiemel sabiex l-ambulanza waqt it-tiġrijiet taż-żwiemel tingħata bla ħlas. Is-Sindku spjega li dan mhux skond il-ftehim li hemm ma' l-organizzaturi. Il-Kunsilliera Fenech ġiet avviċinata mill-membri ta' l-ambulanza sabiex min jieħu sehem fit-tiġrijiet jilbes ilbies protettiv neċessarju. | |
| 07. 7. 36 | Abela: Underground bring in site | Is-Sindku spjega li l-WasteServ ser ikunu responsabbli għas-safety waqt ix-xogħlijiet li jkunu qed isiru fuq l-underground bring in site. | Abela |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 7. 37 | Abela: Misraħ Karmenu Grima | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex isiru ir-refreshing tal-parking lines f'Misraħ Karmenu Grima. Is-Sindku spjega li dan ser isir f'Settembru qabel terġa' tibda l-iskola. | Sindku |
| 07. 7. 38 | Abela: Dog litter bins | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex jitwaħħlu d-dog litter bins li għadhom kemm inxtraw. | Sindku |
| 07. 7. 39 | Fenech: Petizzjoni dwar Triq l-Arċipriet Degabriele | Il-Kunsilliera Fenech ressqet l-ilment tas-Sur G. Desira dwar petizzjoni li kien ressaq lill-Kunsill dwar it-traffiku fi Triq l-Arċipriet Degabriele. **Il-Kunsill qabel li jibgħat acknowledgment u kif ukoll issir laqgħa mas-Sur Desira.** | Sindku |
| 07. 7. 40 | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-Astronomija | Fenech irrapurtat lill-Kunsill is-sezzjoni ta' l-astronomija li saret fis-7 ta' Ġunju li kienet interessati ħafna. | Fenech |
| 07. 7. 41 | Fenech: Skart fi Triq il-GranMastru Perellos | Fenech ressqet quddiem il-Kunsill il-problema ta' skart tar-residenti ta' Triq il-Granmastru Perellos. | Hales |
| 07. 7. 42 | Fenech: Attivitajiet | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: Krea Karriera 11.07.13 Coca Cola, 29.07.13 Magri Bros, 20.08.13 Benna filwaqt li bejn is-6 u s-7 ta' Lulju ser isir workshop f'Villa Psaigon dwar l-ambjent biex jiġi sottomess proġett ta' l-UE u fis-27.06.13 swimming waterpolo taster. | Fenech |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.00pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv